32006R0546

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 546/2006

tal-31 ta' Marzu 2006

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-programmi nazzjonali għall-kontroll ta' l-iscrapie u garanziji addizzjonali u li jidderoga minn ċerti kondizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2003/100/KE u li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1874/2003

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija spongiformi li tinxtered [1], u b'mod partikolari il-punt (b)(ii) tas-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu A ta' l-Anness VIII tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi l-approvazzjoni tal-programmi nazzjoni tal-kontroll ta' l-i*scrapie* ta' l-Istati Membri jekk dawn ikunu f'konformità ma' ċerti kriterji stabbiliti f'dak ir-Regolament. Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi wkoll id-definizzjoni ta' xi garanziji addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa għall-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni, f'konformità ma' dak ir-Regolament.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/100/KE tat-13 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi għall-istabbiliment ta' programmi tat-tgħammir għar-reżistenza kontra l-enċifalopatiji spongiformi trażmissibli fin-nagħaġ [2], tipprevedi li kull Stat Membru għandu jintroduċi programm tat-tgħammir għall-għażla tar-reżistenza tat-TSEs f'ċerti razez ta' nagħaġ. Dik id-Deċiżjoni tipprevedi wkoll il-possibbilità ta' deroga mill-ħtieġa li Stat Membru jistabbilixxi programm tat-tgħammir fuq il-bażi tal-programm nazzjonali tiegħu għall-kontroll ta' l-i*scrapie*, ippreżentat u approvat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 999/2001, fejn ikun hemm provvediment dwar il-monitoraġġ attiv kontinwu ta' l-annimali ovini u kaprini mejta fir-razzett fil-merħliet kollha f'dak l-Istat Membru.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1874/2003 ta' l-24 ta' Ottubru 2003 li japprova l-programmi tal-kontroll nazzjonali ta' ċerti Stati Membri dwar l-i*scrapie*, u jiddefinixxi garanziji addizzjonali, u jagħti derogi li jikkonċernaw il-programmi tat-tgħammir ta' reżistenza għat-TSE fin-nagħaġ permezz tad-Deċiżjoni Nru 2003/100/KE [3] approva l-programmi nazzjonali ta' kontroll tad-Danimarka, tal-Finlandja u ta' l-Iżvezja.

(4) Fit-18 ta' Novembru 2005, l-Awstrija ressqet programm ta' kontroll nazzjonali għall-i*scrapie* quddiem il-Kummissjoni. Fil-5 ta' Jannar 2006, ċerti emendi għal dak il-programm tressqu quddiem il-Kummissjoni. Dak il-programm, kif inhu emendat, jilħaq il-kriterji ġenerali stipolati fir-Regolament (KE) Nru 999/2001. Aktar minn hekk, huwa probabbli li l-Awstrija jkollha prevalenza baxxa jew assenza ta' l-i*scrapie* fit-territorji tagħha.

(5) Fuq il-bażi ta' dak il-programm nazzjonali ta' kontroll ta' l-i*scrapie*, l-Awstrija għandha tingħata deroga mill-programm ta' tgħammir previst fid-Deċiżjoni 2003/100/KE. Aktar minn hekk, il-garanziji addizzjonali ta' kummerċ meħtieġa skond l-Anness VIII, Kapitolu A u l-Anness IX, Kapitolu E tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għandhom jiġu stabbiliti fir-Regolament preżenti.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1874/2003 jipprevedi ċertu garanziji addizzjonali għad-Danimarka, il-Finlandja u l-Iżvezja relatati ma' l-impriżi. Dawk il-garanziji ta' kummerċ addizzjonali għandhom, madanakollu, jiġu emendati sabiex tissaħħaħ is-sussidjarjetà għal dawk l-Istati Membri kif ukoll għall-Awstrija, bil-konsiderazzjoni ta' sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi u kummerċjali differenti u d-differenzi fil-varjazzjonijiet ta' l-i*scrapie* preżenti f'dawk l-erba' Stati Membri.

(7) Għalhekk, għal raġunijiet prattiċi u fl-interess taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, huwa xieraq li jiġi rrevokat ir-Regolament (KE) Nru 1874/2003 u jiġi sostitwit mir-Regolament preżenti.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 339/2006 (ĠU L 55, 25.2.2006, p. 5).

[2] ĠU L 41, 14.2.2003, p. 41.

[3] ĠU L 275, 25.10.2003, p. 12. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1472/2004 (ĠU L 271, 19.8.2004, p. 26).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-programmi tal-kontroll ta' l-iscrapie

Il-programmi ta' kontroll nazzjonali ta' l-i*srapie*, li jissemmew fil-Kapitolu A, punt I(b) ta' l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, ta' l-Istati Membri elenkati fl-Anness tar-Regolament preżenti huma b'hekk approvati.

Artikolu 2

Garanziji addizzjonali li jirrigwardjaw l-impriżi

1. L-annimali ovini u kaprini ddestinati għall-Istati Membri elenkati fl-Anness u li huma ġejjin minn Stati Membri oħrajn imma li ma humiex elenkati fl-Anness jew minn pajjiżi terzi, kellhom jinżammu kontinwament sa mit-twelid fl-impriżi li ssodisfaw dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin għal perijodu ta' mill-anqas seba' snin qabel id-data ta' meta dawk l-annimali jkunu ntbgħatu:

(a) l-ebda każijiet ta' *scrapie* ma ġew ikkonfermati;

(b) l-ebda miżuri ta' l-eradikazzjoni ma ġew applikati minħabba l-i*scrapie*;

(c) l-impriżi ma kienx fihom annimali identifikati bħala annimali f'riskju kif referuti fl-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

2. L-annimali ovini u kaprini destinati għall-Istati Membri elenkati fl-Anness tar-Regolament preżenti u li kienu ġejjin minn Stati Membri oħrajn elenkati f'dak l-Anness kellhom jinżammu f'impriżi, li fihom ebda annimal ovin jew kaprin ma kien tpoġġa taħt restrizzjonijiet uffiċjali għall-moviment tat-TSE skond l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, għal perijodu ta' mill-inqas seba' snin qabel id-data tat-tluq ta' tali annimali.

3. L-isperma, l-embrijoni u l-bajd minn annimali ovini u kaprini, destinati għall-Istati Membri elenkati fl-Anness għandhom jinkisbu minn donaturi li jkunu nżammu kontinwament mit-twelid f'impriżi li jkunu f'konformità mall-kondizzjonijiet stipolati fi:

(a) paragrafu 1, jekk ikunu ġejjin minn Stati Membri oħrajn li mhumiex elenkati fl-Anness jew minn pajjiżi terzi; jew

(b) paragrafu 2, jekk ikunu ġejjin minn Stati Membri oħrajn elenkati fl-Anness.

Artikolu 3

Restrizzjonijiet uffiċjali tal-moviment

1. Ir-restrizzjonijiet uffiċjali fuq il-moviment imressqa mill-Istati Membri elenkati fl-Annes huma hawnhekk approvati. Dawn għandhom japplikaw għall-impriżi li jirċievu annimali ovini u kaprini jew sperma, embrijoni u bajd minn annimali ovini u kaprini meta:

(a) l-annimali, l-isperma, l-embriji u l-bajd jiġu kkunsinjati minn Stati Membri oħrajn li mhumiex elenkati fl-Anness jew minn pajjiżi terzi; kif ukoll

(b) l-i*scrapie* tkun ġiet ikkonfermata matul it-tlett snin preċedenti għal, jew wara d-data ta' meta jkunu mibgħuta l-annimali, is-semen, l-embrijoni u l-bajd fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi tal-forniment kif referuti fil-punt (a).

2. Ir-restrizzjonijiet uffiċjali tal-moviment previsti fil-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw fil-każ tal-wasla ta' annimali ovini tal-ġenotip ARR/ARR *prion protein*, jew ta' sperma, embrijoni u bajd minn donatur tal-ġenotip ARR/ARR *prion protein*.

Artikolu 4

Derogi mill-ħtieġa li jiġi stabbilit programm tat-tgħammir

Permezz ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Nru 2003/100/KE, L-Istati Membri elenkati fl-Anness ma'dan ir-Regolament huma b'hekk mogħtija deroga mill-ħtiġiet li jistabbilixxu programm tat-tgħammir kif jipprevedi l-Artikolu 2(1) ta' dik id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 1874/2003 hu rrevokat.

Artikolu 6

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-31 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Stati Membri li jissemmew fl-Artikoli 1 sa 4

Id-Danimarka

L-Awstrija

Il-Finlandja

L-Iżvezja